**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 11/2017 RM**

**Makaw Limited (C8250)**

**vs**

**Dr. Benjamin Valenzia nominat bid-digriet tat-18 ta' Frar, 2017 bhala kuratur deputat biex jirraprezenta lill-assenti Maxime Altare u b'digriet tal-21 ta' Frar, 2018 Dr. Veronique Dalli assumiet l-atti bhala mandatarja specjali tal-assenti Maxime Altare.**

**Illum, 25 ta' Novembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-dsatax (19) ta' Jannar, 2017 fejn is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' ghaxart elef, mija u sitt ewro w tnejn u disghin centezmi (€10,106.92) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti f'xogholijiet rezi lilu fid-dar tieghu gewwa Lydn Haven, Triq ix-Xatt ta' Santa Maria, Santa Maria Estate, Mellieha u dan kif jirrizulta mnn statement anness bhala Dok A, bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimat li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta[1] ta' Dr. Benjamin Valenzia noe, pprezentata fil-5 ta' Lulju, 2017 fejn eccepixxa:-

1. *"Illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza;*
2. *Illi pero, bla pregudizzju s-socjeta' attrici ghndha tindika meta tlestew ix-xogholijiet mertu tal-kawza;*
3. *L-istess socjeta' attrici ghandha tipprova l-inkarigu moghti lillha minn Maxime Altare;*
4. *Is-socjeta' attrici ghandha tipprova ukoll li l-ammont reklamat huwa fil-fatt dovut u gustifikat u dan anki bl-opri ta' Periti nominandi.*
5. *Is-socjeta' attrici ghandha tresaq provi illi hija ghamlet tentattivi sabiex titlob il-hlas tal-ammont qabel infethet il-kawza, inkella l-ftuh tal-kawza ikun intempestiv u konsegwentament Maxime Altare m'ghandhiex tehel l-ispejjez ta' din il-kawza;*
6. *Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli skont il-ligi."*

Rat ir-Risposta ta' Dr. Veronique Dalli[2] bhala mandatrici specjali tal-assenti Maxime Altare ipprezentata fit-22 ta' Frar, 2018 fejn tressqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1) *Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatti u fid-dritt billi l-esponenti noe hallset l-ispejjez kollha relatati ma' xoghlijiet li saru mis-socjeta attrici fuq il-fond residenza tal-esponenti noe bl-isem 'Lynd Haven' gewwa Triq Xatt ta' Santa Maria, Santa Maria Estate, Mellieha, ghajr biss ghall-bilanc ta' €6,985.60, liema somma ghandha tigi pacuta ma' kreditu fl-istess somma li l-esponenti noe ghandha fil-konfront tas-socjeta attrici, u dan ghar-ragunijiet spjegati fil-kontro-talba:*

[1] Fol. 25
[2] Fol. 40

2) *Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ammont li huwa dovut lis-socjeta attrici mill-esponenti noe.*
3) *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.*

Rat ukoll il-kontro-talba pprezentata kontestwalment mar-Risposta tal-konvenut fejn gie premess u sussegwentement mitlub:-

*"Illi l-esponenti eccepjenti noe qed tipprevalixxi ruhha minn din il-kawza u in linea ta' rikonvenzjoni taghmel kontro-talba u tippremetti:*

*Illi l-esponenti noe inkarigat lis-socjeta' attrici taghmel xoghlijiet ta' appalt fuq il-fond residenza taghha bl-isem 'Lynd Haven' gewwa Triq Xatt ta' Santa Maria, Santa Maria Estate, Mellieha.*

*Illi waqt l-esekuzzjoni tal-imsemmija xoghlijiet, is-socjeta attrici u/jew impjegati u/jew individwi nkarigati minnha kkawzaw hsarat fl-aperturi gewwa l-imsemmija residenza, liema hsarat jammontaw ghas-somma ta' €6,985.60 kif jirrizulta mill-fattura annessa u mmarkata Dok A.*

*Illi s-socjeta' attrici rikonvenzjonata giet debitament interpellata sabiex thallas 1-imsemmija somma izda baqghat inadempjenti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti noe titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li s-socjeta' attrici rikonvenzjonata hija responsabbli ghall-hsarat ikkagunati fuq l-aperturi gewwa l-fond bl-isem 'Lynd Haven' gewwa Triq Xatt tal Santa Maria, Santa Maria Estate, Mellieha;*
2. *Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata thallas is-somma ta' €6,985.60 jew somma verjuri in linea ta' danni ghall-hsarat*

*imsemmija, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-soqeta' attrici ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat ir-Risposta[3] pprezentata fis-17 ta' April, 2018 mis-socjeta` attrici ghat-talba rikonvenzjonali, bis-segwenti eccezzjonijiet:-

*"1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici ghad-danni qatt ma tista tirnexxi billi s-socjeta attrici ghadha sa llum ma thallsitx il-bilanc dovut lilha fuq ix-xoghol minnha maghmul ghall-intimati rikonvenzjonanti;*

*2. Illi fi kwalsiasi kaz it-talbiet fil-kontro-talba huma bla bazi w infondati fil-fatt u fid-dritt billi qatt ma gew imqajma waqt li kien qieghed isir ix-xoghol u lanqas wara li gie tterminat ix-xoghol izda biss fi stadju ta' meta l-intimati rikonvenzjonanti gew biex ihallsu l-kont mibghut lilhom u dan hekk kif ser jigi ahjar pruvat waqt il-provi ta' din il-kawza w ghalhekk is-socjeta esponenti qatt ma kellha l-mezzi biex tivverifika jekk kienx minnu li hija kkawzat id-danni ndikati;*

*3. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimati jridu jressqu l-provi kollha li juru li kienu l-atturi li kkawzaw id-dannu in kwistjoni;*

*4. IIli minghajr pregudizzju ghas-suespost wkoll jinkombi fuq l-intimati li jresqu l-prova tal-kwantum tad-danni allegatament ikkawzati inkluz perrnezz ta' periti u/jew surveyors;*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.'*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

[3] Fol. 44

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta` attrici fit-3 ta' Marzu 2020 u rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva pprezentata mill-konvenut fl-4 ta' Mejju 2020;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru 2020;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

It-talba attrici hija ghall-hlas ta' somma rapprezentanti bilanc fuq xogholijiet ta' gypsum ezegwiti fil-fond tal-konvenut, liema xogholijiet u prezzijiet relattivi jinsabu dettaljati fid-dokument datat 25 ta' Settembru 2015[4] anness mal-fattura bin-numru 4025[5].

Il-konvenut Maxine Altare rapprezentat f'dawn il-proceduri mill-mandatarja specjali tieghu Dr Veronique Dalli, li f'isimha gew trasfuzi l-atti tal-kawza permezz ta' Digriet tal-21 ta' Frar 2018, jeccepixxi li huwa hallas is-somma kollha dovuta lis-socjeta` attrici rapprezentanti x-xogholijiet ezegwiti fil-fond residenzjali tieghu hlief ghas-somma ta' €6,985.60, u jeccepixxi wkoll,

[4] Fol. 3.
[5] Fol. 2.

ghalhekk, li ghandha ssir tpacija bejn din is-somma bilancjali u somma ugwali lilu dovut mis-socjeta` attrici rapprezentanti d-danni kkagunati mill-istess socjeta` attrici fuq l-aperturi fil-fond tieghu.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi ma jirrizultax illi l-konvenut qieghed jopponi ghall-hlas tax-xogholijiet appaltati lis-socjeta` attrici u ma qajjem l-ebda kontestazzjoni li tolqot l-ezekuzzjoni tal-appalt *ut sic* jew ir-rati applikati. Kemm hu hekk, il-konvenut jeccepixxi illi huwa hallas dak kollu li huwa dovut lis-socjeta` attrici ghajr ghas-somma ta' €6,985.60 mertu tal-kontro-talba u rapprezentanti d-danni minnu allegatament sofferti bhala rizultat tal-hsarat ikkagunati fl-aperturi mill-impjegati tas-socjeta` attrici. **Minn dan isegwi illi ma hemm ebda kontestazzjoni dwar is-somma effettivament reklamata mis-socjeta` attrici f'din il-kawza ghaliex dikjaratament, il-bilanc rimanenti ma thallasx unikament sabiex tista' tigi kkumpensata mad-danni allegatament sofferti mill-konvenut, u ghal ebda raguni ohra**[6].

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tad-29 ta' Settembru 2011, fl-ismijiet **John Camilleri et vs Charles Vassallo**, qalet hekk:-

"*Illi, minbarra dan, it-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni (Art. 1145(d) tal-Kap 16). Biex isseħħ it-tpaċija, għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, għal kollox jew f'biċċa, obbligazzjoni oħra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpaċija, meta tiġi eċċepita, tammonta għal stqarrija ta' għarfien tal-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpaċija ssir.* ***Kemm hu hekk, ingħad li t-tpaċija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja*** *(Art. 1196(2) tal-Kap 16) u twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;*
...
*Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha (Kumm.26.11.1984 fil-kawża fl-ismijiet Merċieca noe vs Debono noe et (Kollez. Vol: LXVIII.iv.235)).*" [emfasi ta' din il-Qorti]

[6] Dan gie sottomess ukoll mill-abbli difensur tal-konvenut waqt it-trattazzjoni orali.

Dan premess, il-Qorti tosserva illi ghalkemm is-somma dovuta skont il-fattura annessa mar-Rikors promotur hija ta' €11,618.32, il-bilanc pretiz mis-socjeta` attrici fl-istess Rikors promotur huwa fis-somma ta' €10,106.92 kif del resto gie konfermat minn Andre Camilleri fix-xhieda tieghu[7]. Jirrizulta mbaghad, illi **d-differenza ta' €3,121.32 bejn is-somma reklamata mis-socjeta` attrici[8] u s-somma pretiza mill-konvenuti in linea ta' danni[9], thallset fil-mori tal-kawza mill-konvenut permezz ta' *cheque* mahrug fid-19 ta' Novembru 2018**[10].

Dan, filwaqt li m'huwiex kontestat mis-socjeta` attrici, **ifisser illi effettivament il-vertenza tikkonsisti esklussivament fid-determinazzjoni dwar jekk is-somma bilancjali ta' €6,895.60 pretiza mis-socjeta` attrici, tistax tigi kkumpensata ma' somma ohra pretiza mill-konvenut in linea ta' danni** permezz tat-talba rikonvenzjonali minnu mressqa f'dawn l-istess proceduri. Kemm hu hekk, bl-akkoljiment tat-talba rikonvenzjonali, tiskatta tpacija legali bejn dik is-somma li jigi aggudikat li hija dovuta lill-konvenut mis-socjeta` attrici u somma ekwivalenti minnu dovuta lis-socjeta` attrici. Ghal dawn l-istess motivi, l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali, mhijiex tajba u sejra tigi respinta.

Ghaldaqstant, kif inghad, il-vertenza shiha tippernja fuq id-determinazzjoni tat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut li permezz taghha huwa jitlob il-hlas tas-somma ta' €6,985.60 rapprezentanti spejjez ghat-tiswija tal-hsarat allegatament ikkagunati mis-socjeta` attrici fl-aperturi tal-fond tieghu. Il-konvenut isostni li xi haddiema tas-socjeta` attrici li kienu qed jistallaw il-gyspum fil-fond tieghu, ghamlu hsara fil-*locking system* tal-aperturi tal-aluminium istallati fl-istess fond, liema hsara giet ikkagonata meta l-aperturi gew sforzati jinfethu b'mod manwali. Jikkontendi wkoll illi din il-manuvra iddanneggjat il-*locking system*

[7] 23 ta' April 2018.
[8] €10,106.92.
[9] €6,985.60.
[10] Dok. MA4, fol. 76 u 77.

tal-aperturi, u peress li l-aperturi lkoll jahdmu permezz ta' mekkanimzu komuni, dan il-mekkanizmu kellu jigi rimpjazzat fl-intier tieghu.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tosserva li peress illi din hija azzjoni ghad-danni, ghandhom japplikaw il-principji generali ta' dritt li jinsabu enuncjati fil-Kodici Civili taht it-titolu ta' "Delitti u Kwazi Delitti", senjatament il-principju li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu. L-artikoli regolanti in materja ta' htija civili ghad-danni[11], jenuncjaw il-principju generali li kullhadd irid iwiegeb ghall-hsara li jwettaq b'ghemilu billi jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti minn terzi, u li kull min jezegwixxi xoghol ghandu jaghmlu bi prudenza u diligenza ta' missier tajjeb tal-familja.

Il-konvenut jikkontendi illi s-socjeta` attrici ghandha twiegeb ghad-danni li huwa garrab b'rizultat tal-hsara li l-addetti taghha ikkagonaw fl-aperturi tal-fond tieghu. Is-socjeta` attrici tilqa' ghat-talba rikonvenzjali tal-konvenut billi tichad b'mod generali li l-hsara giet ikkagonata minnha u teccepixxi li jridu jitressqu provi tajbin li juru li dawn il-hsarat gew ikkagonati bi htija taghha. Tikkontesta wkoll il-*quantum* tad-danni pretizi.

Huwa pacifikatament ritenut illi biex jirnexxi fl-azzjoni tieghu ghad-danni, **id-danneggjat irid jaghti prova li l-agir jew l-ommissjoni tal-kontradittur kien proprju dak li wassal biex sehhet il-hsara minnu lamentata**. Huwa principju ta' dritt illi min jallega li sofra hsara bi htija ta' xi hadd: *"e` nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa all'altro perche` la colpa deve assumere una forma materiale e specifica quando viene imputata ad altri come causa di danni"*.[12]

---

[11] Artikoli 1031 *et sequitur*, Kodici Civili.
[12] Ara: Kollez. Vol. XXIV.i.893.

In linea ta' principju generali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Dr. Remigio Zammit Pace noe vs Reginald Fava et noe et**, deciza fil-25 ta' Marzu 2004, qalet hekk:-

"*L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "kull min … mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill-liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Tali prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif intqal fil-kawża "Bonnici vs Mizzi", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene" – Vol.XXIV.I.172.*"

Imbaghad, fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Laferla vs Comm. Edward Palmier noe** inghad:-

"*Illi n-ness ta` kawzalita` hu fic-centru tal-problema tar-responsabbilita` civili … il-fatt additat bhala kawza tad-dannu jridu ikun il-kawza generatrici tal-istess dannu. Id-dannu jrid jintwera f`ness ta` kawzalita` mal-fatt kolpuz li fuqu tkun bazata domanda ghar-rizarciment".*[13]

Ghaldaqstant, il-Qorti ghanda tiddetermina jekk is-socjeta` attrici, li fl-eccezzjonjiet taghha ghall-kontro-talba, evidentement assumiet ir-responsabbilita` ghall-agir tal-addetti taghha, tahtix ghal xi fatt illecitu li minhabba fih il-konvenut jallega li garrab il-hsara.

Il-Qorti wara li rat l-atti, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet u kostatazzjonijiet fattwali:-

- Mill-provi huwa stabbilit illi fil-perijodu tat-twettiq tal-appalt mis-socjeta` attrici kien hemm xogholijiet ohrajn ghaddejjin kontemporanjament fil-fond tal-konvenut, u meta s-socjeta` attrici lestiet ix-xogholijiet lilha appaltati,

---

[13] Qorti tal-Appell, deciza 11 ta' Dicembru 1967. Citata wkoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Noel Pisani et pro et noe vs Adam Bartolo**, deciza fit-12 ta' April 2016.

kien ghad hemm diversi kuntratturi ohrajn jahdmu f'dan il-fond[14]. Dan, f'kull kaz, m'huwiex kontestat mill-konvenut.

- Huwa minnu illi zewg impjegati tas-socjeta` attrici li kienu assenjati fuq il-lant tax-xoghol[15], stqarrew li huma kienu fethu zewg aperturi fil-fond tal-konvenut minhabba s-shana, u dan wara li kienu talbu permess sabiex jaghmlu dan minghand il-Perit Gerald Debono. Huma kienu ferm konsistenti u enfatici fil-verzjoni taghhom illi kien il-Perit Debono illi tahom struzzjonijiet dwar u effettivament uriehom kif kellhom ihollu l-viti tal-aperturi biex dawn jistghu jinfethu. Dawn il-viti jirrizulta li kienu temporanji ghaliex il-mekkanizmu tal-aperturi kien ghadu ma giex istallat. Dawn ix-xiehda sostnew ulterjorment illi huma fethu biss zewg aperturi fil-*living area* tal-fond tal-konvenut.

- Il-Perit Gerald Debono fl-Affidavit tieghu li gie pprezentat sussegwentement ghax-xhieda tal-imsemmija impjegati tas-socjeta` attrici, filwaqt li sostna illi huwa kellu struzzjonijiet minghand il-konvenut sabiex iwissi lill-haddiema biex ma jifthux l-aperturi ghaliex kienu gew imsakkrin mill-istallaturi, cahad li huwa kien ta permess lill-impjegati tas-socjeta` attrici sabiex jifthu xi aperturi biex tghaddi l-arja. **Din il-verzjoni, izda, oltre li hija kategorikament michuda miz-zewg addetti tas-socjeta` attrici, ma gietx sorretta mill-konvenut li mkien ma xehed illi kien ta struzzjonijiet lill-Perit li l-aperturi ma jistghux jinfethu. Fuq kollox, din il-verzjoni giet ukoll kontradetta mill-Perit Debono nnifsu meta xehed in kontro-ezami**.

[14] Xhieda ta' Andre Camilleri, 23 ta' April 2018, xhieda ta' Anthony Camilleri 6 ta' Marzu 2019 kif ukoll xhieda ta' Sergio Dimech u Darren Debono, 25 ta' Gunju 2019. Ara fost ohrajn, fol. 138: "*Barra ahna kien hemm haddiema ohra. Kien hemm tal-airconditions* [*sic*.] *u kien hemm l-electricians*." Dan huwa konfermat mill-Perit Gerald Debono in kontro-ezami, 28 ta' Novembru 2019.

[15] Sergio Dimech u Darren Debono.

- Jigi osservat ukoll illi mkien fir-rapport ta’ Christian Brocard[16] ma jintqal li l-aperturi kienu msakkrin b’mod li kien impossibbli li dawn jinfethu hlief billi jigu sforzati. Effettivament, l-imsemmi Christian Brocard ikkostata li s-serraturi kienu gew zarmati minghajr ma ntuzat ghodda addattata, u li dawn regghu ntramaw billi l-viti gew sfurzati. **Irrapporta wkoll illi partijiet mis-serraturi zzarmaw u ntilfu, filwaqt li whud mill-aperturi, ghalkemm setghu jinghalqu, kienu garrbu hsara fis-serratura**.

- F’kull kaz, il-hsara li tidher fir-ritratt *a fol.* 97 – li ma ntgharfitx la minn Sergio Dimech u lanqas minn Darren Debono bhala hsara li saret fl-aperturi li huma kienu fethu - ma jidhrix li hija kompatibbli mal-hall ta’ vit izda ma’ apertura sforzata, kif del resto gie mfisser minn Christian Brocard fir-rapport tieghu[17]. Fir-rigward, il-Perit Gerald Debono meta xehed in kontro-ezami, qal illi **huwa ra li hekk kif il-haddiema tas-socjeta` attrici qalghu l-viti, il-bieb infetah normali u dan sar minghajr ebda sforz fuq l-apertura**. **Qal ukoll illi l-viti kienu nhallu mill-impjegati tas-socjeta` attrici fil-prezenza tieghu minghajr diffikolta` u minghajr ebda evidenza ta’ sforz jew hsara vizibbli.**

- B’zieda ma’ dan, Darren Debono xehed illi s-sid u martu kienu jkunu prezenti ta’ spiss fuq il-lant tax-xoghol u kienu jaraw it-twieqi miftuhin, haga li ma gierx kontradetta. Imbaghad, mix-xhieda ta’ Sergio Dimech jirrizulta wkoll illi l-aperturi kienu ghadhom qed jigu istallati waqt li l-impjegati tas-socjeta` attrici kienu qed jahdmu fil-fond tal-konvenut. Dan huwa konfermat minn Darren Debono li jafferma illi l-viti li kienu jinhallu sabiex jinfethu l-aperturi kienu viti temporanji ghaliex il-mekkanizmu tal-aperturi kien ghadu mhux istallat[18].

---

[16] Dok. MA11(b) u MA13(b), fol. 112, 113.
[17] Dok. MA13 u MA14.
[18] Xhieda tal-25 ta’ Gunju 2019. Jirrizulta illi dawn it-twieqi kienu qeghdin jigu istallati fil-fond tal-konvenut fl-istess zmien li kienu qed jigu ezegwiti x-xogholijiet mill-haddiema tas-socjeta` attrici.

- Jigi osservat ulterjorment illi filwaqt illi Sergio Dimech u Darren Debono entrambi xehdu illi huma kienu fethu biss **zewg** aperturi, il-konvenut isostni illi l-mekkanimzu tal-*locking system* ta' **erba' aperturi b'kollox** garrab hsara u kellu jigi rimpjazzat. Madanakollu, ghajr ghax-xhieda tal-konvenut, ma jirrizulta minn imkien, lanqas mix-xhieda tal-Perit Gerald Debono, illi l-haddiema tas-socjeta` attrici kienu fethu iktar minn zewg aperturi jew li fethu aperturi ohrajn apparti l-bieb u t-tieqa fil-*living area* tal-fond.

Darren Debono xehed hekk fir-rigward[19]:-

"*It-twieqi kienu istallati diga` biss pero` l-mekkanizmu taghhom biex jinfethu u jinghalqu l-bibien ghax kienu tal-elettriku qatt ma, qatt ma rajnihom b'ghajnejna ahna*".

Il-fatt illi ma kienx ghad hemm l-elettriku istallat fil-fond tal-konvenut dak iz-zmien huwa konfermat mill-Perit Gerald Debono.

Dan jikkuntrasta mal-verzjoni tal-konvenut innifsu li fl-Affidavit tieghu, xehed illi "*the locking system had to be replaced since the mechanism operating the windows was electric and all 4 windows were interconnected. ... Makaw therefore admits that one of their employees had opened the windows and this is exactly how the locks were damaged: since the windows operate electronically, they cannot be opened manually without forcing them open and breaking them. By forcing them open manually they ended up damaging the locking system.*"

- Ghall-Qorti m'huwiex car kif il-mekkanizmu elettroniku tal-aperturi seta' jigi danneggjat jekk mill-provi jirrizulta illi l-mekkanimzu tal-*locking system* kien ghadu mhux istallat elettronikament fiz-zmien meta s-socjeta` attrici kienet ghadha twettaq ix-xogholijiet fil-fond tal-konvenut. Ir-rapport ta' Christian Brocard imkien ma jindika illi l-aperturi kienu interkonnessi elettronikament u illi l-hsara f'wahda ssarrfet ukoll fi hsara fil-mekkanizmu ta' aperturi ohrajn.

[19] Fol. 139.

- F'kull kaz, il-Qorti m'hijiex sodisfatta illi giet danneggjata l-*locking system* ta' ben erba' aperturi galadarba l-provi juru illi l-addetti tas-socjeta` attrici fethu zewg aperturi biss u dan meta s-sistema elettronika tas-serratura kienet ghadha mhux istallata.

- B'referenza ghar-rapport esebit mill-konvenut flimkien mal-Affidavit tieghu (Dok. MA10), liema dokument skont il-konvenut jelenka l-process tat-tiswija tal-aperturi kif ukoll il-*parts* kollha li kellhom jigu sostwiti, jigi osservat illi dan id-dokument jikkonsisti fi traduzzjoni informali bil-lingwa Ingliza ta' dokument iehor li la l-original u lanqas kopja ma gew esebiti fl-atti. Dan id-dokument, oltre li m'huwiex datat, ma jaghmel ebda referenza ghall-fond tal-konvenut. Dan diversament mid-dokument Dok. MA11 u MA13 li gew konfermati bil-gurament tas-*supplier* esteru[20] li effettwa t-tiswijiet tal-hsarat riskontrati fl-aperturi[21]. **F'kull kaz jigi osservat illi l-elenku Dok. MA10 jirreferi ghall-aperturi fi hames kmamar, meta huwa stabbilit mill-provi illi kienu biss zewg aperturi f'wahda mill-kmamar, ossia *living room*, li nfethu mill-addetti tas-socjeta` attrici**.

- Mill-provi jirrizulta ulterjorment illi l-konvenut ma kienx ikun prezenti personalment b'mod regolari fuq il-lant tax-xoghol ghaliex kien ikun imsiefer ta' sikwit u fir-rigward, huwa xehed[22] illi kien osserva l-hsarat in kwistjoni wara li s-socjeta` attrici kienet lestiet ix-xogholijiet fil-fond, u dan meta gie lura Malta. **Izda minn ezami tad-dokumentazzjoni pprezentata mill-konvenut innifsu[23] jirrizulta illi effettivament, il-konvenut kien diga` osserva l-hsarat fl-aperturi f'Lulju 2016 u kien ukoll f'Lulju 2016 li huwa kkomunika mas-supplier esteru tal-aperturi li, da parti taghha, baghtet addett minnufih sabiex jispezzjona l-hsara, proprju fl-istess xahar ta' Lulju 2016**.

[20] Christian Broacrd, Top Sun Concept.
[21] Dok. MA10 lanqas jirrizulta li jifforma parti minn Dok. MA11(b) u MA13(b).
[22] Affidavit ta' Maxim Altare - Dok. MAX, fol. 65 *et seq*.
[23] Dok. MA13 u MA14.

- Madanakollu, minn ezami tal-*e-mail* mibghut fid-19 ta' Settembru 2016 mis-socjeta` attrici lill-assikuraturi taghha, f'liema *e-mail* gie kkuppjat ukoll *inter alia* il-konvenut, jirrizulta illi s-**socjeta` attrici lestiet ix-xogholijiet lilha appaltati fil-bidu ta' Awwissu 2016**. Dan ma giex kontestat mill-konvenut. Kemm hu hekk, il-konvenut innifsu esebixxa flimkien mal-Affidavit tieghu, fattura fis-somma totali ta' €22,209.07 li giet mahruga mis-socjeta` attrici fit-2 ta' Awwissu 2016 b'rabta ma' diversi xogholijiet ezegwiti fil-fond tieghu. Minn din il-fattura, jirrizulta wkoll illi l-**konvenut kien ikkommissjona xogholijiet ulterjuri fil-fond abbazi ta' stima mahruga, fost ohrajn, fil-21 ta' Lulju 2016 u ghalhekk il-verzjoni tas-socjeta` attrici illi x-xogholijiet tlestew fil-bidu ta' Awwissu 2016, jirrizulta li hija verosimili.**

- Il-korollarju ta' dan huwa, fil-fehma tal-Qorti, illi galadarba l-ispezzjoni tal-hsarat fl-aperturi mis-*supplier* esteru saret f'Lulju 2016, il-konvenut kellu jkun diga` konsapevoli dwar il-hsarat fl-aperturi **waqt li x-xogholijiet ikkommissjonati lis-socjeta` attrici kienu ghadhom qed jitwettqu**. Dan huwa rinforzat mix-xhieda tal-Perit Gerald Debono li kien inkarigat mill-konvenut sabiex jissorvelja l-lant tax-xoghol. Fl-Affidavit tieghu huwa xehed illi meta huwa ra wiehed mill-addetti tas-socjeta` attrici jiftah l-aperturi minkejja l-istruzzjonijiet moghtija minnu, huwa kien minnufih gharraf lill-konvenut.

- Ghall-Qorti, il-fatt li jirrizulta illi x-xogholijiet appaltati lis-socjeta` attrici tlestew fil-bidu ta' Awwissu 2016 u l-fatt li l-konvenut, f'Lulju 2016, kien diga` osserva l-hsarat fl-aperturi tant illi kkomunika mas-*supplier* tal-aperturi fir-rigward u ntbaghat rapprezentant minnufih biex jispezzjona l-istess hsarat, **jista' jfisser biss illi l-konvenut kien konxju tal-hsarat meta s-socjeta` attrici kienet ghada ma lestietx ix-xogholijiet appaltati izda minkejja dan, baqa' ma kkonfrontahiex bl-allegat hsarat**. *Multo magis*

meta jirrizulta mix-xhieda ta' Sergio Dimech illi l-konvenut jew martu kienu effettivament prezenti fuq il-lant tax-xoghol u raw l-aperturi miftuhin, xhieda li ma gietx kontradett min-naha tal-konvenut.

Ikkunsidrat;

Illi jezisti konflitt evidenti bejn il-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet kontendenti f'din il-kawza: fuq naha wahda l-konvenut isostni li kienu l-addetti tas-socjeta` attrici li sfurzaw il-ftuh tal-aperturi u ddanneggjaw il-mekkanizmu tas-serratura ta' erba' aperturi, u fuq in-naha l-ohra s-socjeta` attrici, filwaqt li tammetti li l-impjegati taghha kienu fethu zewg aperturi, tinsisti li dan sar bil-permess u skont l-istruzzjonijiet moghtija mill-addett tal-konvenut u minghajr ma saret ebda hsara lis-serraturi ta' dawn l-aperturi.

In propositu ta' konflitt fil-provi, il-Qorti tirreferi ghall-insenjament rapportat fis-sentenza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**, deciza fl-24 ta' Novembru 1966:

"*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*"[24]

Imbaghad, fil-kawza fl-ismijiet **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**[25], intqal:-

"*In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li **f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibli, dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni**. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-*

[24] Appell Civili, mhux ippubblikata.
[25] Vol. LXX.II. 144.

*certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.*" [emfasi ta' din il-Qorti]

Inoltre, inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**, deciza nhar it-28 ta' April 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li:-

"***Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili****. Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*" [emfasi tal-Qorti]

Applikati l-principjji legali kif ukoll l-insenjament guridiku in materja, ghall-fatti tal-kaz odjern kif gia` stabbiliti, il-Qorti tqis illi ghalkemm jirrizulta mill-provi fuq bilanc ta' probabbilitajiet, illi **whud mill-hsarat riskontrati fl-aperturi huma kompatibbli mal-hall u rbit tal-viti ghall-ftuh tal-aperturi li saret b'mod hazin**, m'hijiex konvinta fuq il-preponderanza tal-provi illi l-hsara li l-konvenut qieghed jaddebita lis-socjeta` attrici, giet ikkagunata bi htija tal-impjegati tas-socjeta` attrici. Minn ezami tal-provi u x-xhieda il-Qorti tqis li huwa ppruvat sodisfacjentement illi ghalkemm l-impjegati tas-socjeta` attrici fethu tnejn mill-aperturi tal-aluminium li kienu istallati fil-fond tal-konvenut, dawn infethu facilment billi, fil-presenza tal-Perit Gerald Debono, inhallu zewg viti - wiehed fuq u iehor isfel - minghajr ebda sforz jew hsara vizibbli.

F'dan ir-rigward il-Qrati taghna dejjem ritenew l-element tal-*culpa* fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana javvera ruhu fit-twettiq ta' att volontarju bin-nuqqas ta' dak li jkun li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak l-att meta seta' jipprevedi dak l-effett[26]. Dan ifisser illi wiehed jehtieg jorbot l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mal-prevedibilita` ta' l-

[26] Kollez. Vol. XLII. I. 74.

event dannuz: "*prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*"[27].

Mehud qies ta' dak kollu kkunsidrat, il-Qorti tqis illi fuq bilanc ta' probabbilitajiet huwa ppruvat illi effettivament, l-addetti tas-socjeta` attrici fethu tnejn mill-paerturi fil-fond tal-konvenut (fil-*living area*), izda ma huwiex pruvat ukoll li din il-manuvra giet imwettqa b'nuqqas tal-prudenza mehtiega biex sarrfet fi hsara fil-mekkanizmu tas-serratura. Ghalkemm ma tistax teskludi b'mod assolut illi din il-manuvra seta' kien il-kagun ta' xi hsara li giet riskontrata fil-mekkanizmu tas-serratura taz-zewg aperturi li nfethu mill-addetti tas-socjeta` attrici, dan mhuwiex bizzejjed biex iwassal ghal konvinciment fuq bazi ta' probabbilita`, li kienu proprju l-istess addetti responsabbli ghall-hsara mfissra mill-konvenut u deskritta fir-rapport Dok. MA14.

Fir-rigward, il-Qorti ma tirravvizax ness kawzali b'sahhtu bizzejjed biex jorbot il-hall u rbit taz-zewg viti (fuq u isfel) fuq tnejn mill-aperturi fil-fond tal-konvenut, mal-hsarat ikkagunati biz-zarmatura effettiva tas-serraturi f'aperturi ta' kmamar ohrajn. **Fil-fehma taghha, ma tressqux provi tajbin li juru illi l-hsarat riskontrati fl-aperturi fil-fond tal-konvenut, huma r-rizultat tal-hall ta' zewg viti fiz-zewg aperturi li nfethu mill-impjegati tas-socjeta` attrici, u wisq inqas ma ntwera b'mod sodisfacjenti illi kienu proprju l-impjegati tas-socjeta` attrici li zarmaw is-serraturi u tilfu partijiet minnhom tant illi whud mill-aperturi thallew miftuhin**. Filwaqt li dan huwa michud mill-impjegati tas-socjeta` attrici li gew prodotti bhala xiehda mill-konvenuti innifsu, ma tressqet l-ebda prova, lanqas permezz tax-xhieda tal-Perit Gerald Debono li kien jissorvelja x-xogholijiet, illi l-addetti tas-socjeta` attrici kienu fethu l-aperturi b'xi mezz iehor, jew li dawn ma setghux jergghu jinghalqu. Il-Qorti m'hijiex sejra taghmel kongetturi u supposizzjonjiet dwar x'wassal sabiex jigu riskontrati l-hsarat lamentati mill-konvenut fl-aperturi tal-fond tieghu, izda bl-

[27] Kollez. Vol. XLVIII. I. 258.

ebda mod ma tista' tirravviza ness kawzali bejn l-agir tal-addetti tas-socjeta` konvenuta li gie ppruvat li sehh, u l-hsarat riskontrati mill-konvenut.

Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li semghet ix-xhieda tal-addetti tas-socjeta` attrici u semghet ukoll lill-Perit Gerald Debono u wara li stharrget ic-cirkostanzi l-ohra kollha relevanti ghall-kaz kif jirrizultaw mill-provi, inkluz il-fatt illi kien hemm diversi kuntratturi ohrajn jahdmu kontemporanjament mas-socjeta` attrici fil-fond tal-konvenut. Dawn il-provi ma jinstawrawx il-konvinciment mehtieg fil-Qorti li fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet, il-hsarat fl-aperturi kollha indikati mill-konvenut, gew specifikatament ikkagonati mill-addetti tas-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-pretensjonijiet tal-konvenut ma gewx ippruvati sodisfacjentement fil-konfront tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Biex waslet ghall-konkluzjoni taghha appena maghmula, il-Qorti hadet qies ukoll tas-segwenti.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-hsarat fl-aperturi gew imsewwija mis-*supplier* esteru Top Sun Concept, f'Awwissu 2016. Dan huwa konfermat ukoll mill-konvenut innifsu li, mistoqsi in kontro-ezami jekk it-tiswijiet fl-aperturi sarux f'Awwissu 2016, wiegeb fl-affermattiv[28]. Huwa minnu illi l-fattura mahruga mis-supplier fit-12 ta' Settembru 2016 ghas-somma komplessiva ta' €6,985.60 fiha referenza ghal "*future intervention*" wara l-intervent ta' Awwissu 2016, u illi f'*e-mail* mibghuta mill-konvenut[29] b'risposta ghall-e-mail tat-28 ta' Awwissu 2016 (Dok. MKX), huwa gharraf lis-socjeta` attrici li kien qieghed jistenna lill-fabbrika estera tiftah f'Settembru biex jistghu jigu ordnati l-*parts*

[28] "*Yes of course*" – fol. 151.
[29] Doc. MA7, fol. 88 - u kkonfermah meta xehed in kontro-ezami.

mehtiega ghat-tiswija. Izda, mill-provi ma jirrizultax illi sar xi intervent ulterjuri fuq l-aperturi wara t-tiswijiet li saru f'Awwissu 2016. Ghall-kuntrarju, jirrizulta mill-fattura Doc. MA11 datata 12 ta' Settembru 2016, kif ukoll mid-dikjarazzjoni tas-*supplier* esteru (Dok. MA13 u MA14) datata 15 ta' Novembru 2018, illi l-hsara fl-aperturi giet effettivament imsewwija f'Awwissu 2016 bil-fornitura u istallazzjoni ta' tlieta jew erba' serraturi. Inoltre, il-konvenut stess fix-xhieda tieghu in kontro-ezami, kif ukoll Christian Brocard, rapprezentant tas-supplier esteru f'Dok. MA13(b), ikkonfermaw illi **t-tiswijiet kollha saru f'Awwissu 2016**. Kemm hu hekk, l-imsemmi Christian Brocard afferma ulterjorment illi ghal dan l-intervent ta' Awwissu 2016, gie mitlub il-hlas tas-somma ta' €6,985.60 liema somma tinkludi *inter alia*, l-ispejjez tal-fornitura u istallazzjoni tal-*parts* mehtiega ghat-tiswija tal-aperturi.

Il-konvenut fis-sottomissjonijiet finali tieghu, jissottometti li t-*time-line* indikat fir-rapport ta' Christian Brocard huwa zbaljat u li dan l-izball huwa evidentement ir-rizultat ta' *lapsus calami* ghaliex effettivament it-tiswijiet saru kollha f'Ottubru 2016. Izda l-Qorti ma tqisx illi dan huwa sorrett mill-provi. Kif diga` stabbilit, sija Christian Brocard kif ukoll il-konvenut innifsu affermaw illi r-riparazzjonijiet fuq l-aperturi saru f'Awwissu 2016.

Minn ezami tal-atti jirrizulta wkoll illi l-konvenut indirizza l-allegazzjoni tieghu dwar il-hsara kagunata fl-apertura fil-konfront tas-socjeta` attrici ghall-ewwel darba fit-28 ta' Awwissu 2016[30], ferm wara li kienu tlestew ix-xogholijiet appaltati lill-istess socjeta` attrici u wkoll ferm wara illi l-konvenut kien diga` konsapevoli dwar il-hsarat fl-aperturi kif ukoll wara li kienu diga` saret ir-riparazzjoni tal-hsarat mis-supplier esteru.

Il-Qorti ftit tista' tqis favorevolment il-verzjoni tal-konvenut illi huwa ma kienx gharraf lis-socjeta` attrici bil-hsarat minnu osservati diga` f'Lulju 2016 meta s-socjeta` attrici kienet ghadha prezenti fuq il-lant tax-xoghol, minhabba r-raguni

[30] Fol. 51.

li kien ghadu qed jistenna minghand is-*supplier* barrani l-kont tal-ispejjez tat-tiswijiet li saru fuq l-aperturi. *Multo magis* meta huwa stess xehed illi f'Lulju 2016 kien diga` mgharraf mis-*supplier* barrani wara spezzjoni tal-aperturi in kwistjoni, bl-entita` tal-hsarat u l-htiega li l-*locking system* intiera tal-aperturi tigi rimpjazzata[31]. Ghall-Qorti, jekk verament il-konvenut kien qieghed jaddebita r-responsabbilita` ghall-hsarat fl-aperturi kollha lis-socjeta` attrici, ma kien hemm xejn x'izommu milli jaffrontaha bl-allegat htija taghha ghad-danni, fiz-zmien meta effettivament sar jaf bl-entita` ta' dawn il-hsarat wara l-ispezzjoni f'Lulju 2016.

Mizmum ferm ukoll il-fatt illi f'dan iz-zmien, is-socjeta` attrici kienet ghadha twettaq ix-xogholijiet lilha appaltati fil-fond tal-konvenut, il-Qorti tqis illi fl-ahjar ipotesi ghall-konvenut, dan jindika li huwa ma mexiex apertament mas-socjeta` attrici anke ghaliex evidentement huwa pprekludiha b'mod deliberat sija mill-opportunita` illi tirribatti l-allegazzjonijiet dwar il-hsara fi zmien tempestiv meta l-addetti taghha kienu ghadhom jattendu fuq il-lant tax-xoghol, u sija wkoll milli tispezzjona hija stess l-allegati hsarat. Il-konvenut gharraf lis-socjeta` attrici b'dawn l-allegazzjonijiet meta l-kwistjoni kienet diga` *fait accompli*, wara li l-hsara giet effettivament imsewwija, bl-ispejjez kollha li din kienet tinvolvi u dan meta beda jigi rinfaccjat b'talbiet ripetuti ghall-hlas tal-bilanc dovut fuq l-appalt.

Kollox jindika, fil-fehma taghha, illi l-hsarat in kwistjoni kienu mhux biss identifikati waqt illi s-socjeta` attrici kienet ghadha twettaq l-appalt fil-fond tal-konvenut, talli l-konvenut, konxju li kienet saret din il-hsara, baqa' qatt ma gharraf lis-socjeta` attrici bl-allegazzjonijiet tieghu u stenna sakemm gie rinfaccjat b'talbiet ghall-pagament tal-bilanc qabel affrontaha bihom f'liema zmien huwa kien diga` sewwa l-hsarat kuntrarjament ghal dak li pprova jaghti l-impressjoni fir-risposta tieghu ghall-*e-mail* tat-28 ta' Awwissu 2018.

[31] Ara paragrafu 12 tal-Affidavit tal-konvenut, fol. 66: *"At a later stage I however discovered, after bringing over an installer from Top Sun Concept to inspect the damage, that the locking system had to be replaced…"* Diga` gie stabbilit illi din l-ispezzjoni kienet saret f'Lulju 2016.

Dan kollu jkompli jirriafferma l-konvinciment tal-Qorti li ghall-hsarat lamentati mill-konvenut u ghad-danni pretizi minnu f'din il-kawza, ma tahtix is-socjeta` attrici.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-**

**Kwantu ghat-talba principali, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef disa' mija u hamsa u tmenin Euro u sittin centezmu (€6,985.60) ghar-ragunijiet imfissrin fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-fattura tat-2 ta' Awwissu 2016.**

**Kwantu ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohrajn safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, u tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut.**

**L-ispejjez tat-talba principali kif ukoll tal-kontro-talba, jithallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**